Tarċisju Zarb
tarcizju.zarb@ilearn.edu.mt

TEST GĦALL-GRAMMATIKA: WIĊĊ U ®ĠEJJEN

IŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Dan li ġej huwa x'qal Pietru l-Eremita daqs elf sena ilu, sewwa sew fis-sena 1050: "Id-dinja għaddejja minn żmenijiet koroh. Iż-żgħażagħ tal-lum ma jaħsbux ħlief fihom infushom. Lill-ġenituri tagħhom ma jirrispettawhom xejn, lanqas lix-xjuħ tagħna; huma bla paċenzja u m'humiex kapaċi jgħakksu lilhom infushom; jitkellmu bħal qisu huma biss jafu kollox, u dak li aħna nqisuh bħala għerf għalihom huwa ħmerijiet. It-tfajliet min-naħa tagħhom huma boloh u immodesti u ma jġibux ruħhom ta' nisa fil-mod kif jitkellmu, iġibu ruħhom u jilbsu."

1. Sib eżempju ta' partiċipju attiv.
2. Agħti s-singular ta' koroh.
3. Oħroġ nom tal-unità minn żgħażagħ.
4. Qiegħed il-pronom riflessiv infushom fil-femminil singular.
5. Liema huwa z-zokk morfemiku fil-verb ma jirrispettawhom xejn.
6. Agħti l-antonimu ta' lanqas, skont il-kuntest tas-silta.
7. Oħroġ farrad waħdieni minn jgħakksu.
8. Oħroġ verb minn qisu.
9. X'inhu l-għerq ta' jitkellmu.
10. Liema hija l-mamma tal-verb jafu.
11. X'tip ta' verb hu nqisuh: sħiħ jew dgħajjef? Għala?
12. Oħroġ aġġettiv minn għerf.
13. Qiegħed għalihom fis-singular maskil.
14. Oħroġ id-diminuttiv singular minn tfajliet.
15. Sib verb mill-istess silta li għandu l-istess forma morfoloġika ta' boloh.
16. L-ewwel vokali 'i' fil-kelma immodesti hija vokali tal-leħen jew morfoloġika, jiġifieri parti mill-kelma, li ma tistax taqa'. Għala?
17. Qiegħed ma jġibux ruħhom fil-futur.
18. Agħti s-singular ta' nisa.
19. Qiegħed ruħhom fil-plural.
20. Ikteb ittra ta' mitt kelma, indirizzata lill-editur tal-ġurnal, 'Il-Vuċi' li fiha titkellem dwar xi aspett pożittiv taż-żgħażagħ.

Tarċisju Zarb
tarcizju.zarb@ilearn.edu.mt

Tweġibiet: IŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Dan li ġej huwa x'qal Pietru l-Eremita daqs elf sena ilu, sewwa sew fis-sena 1050: "Id-dinja għaddejja minn żmenijiet koroh. Iż-żgħażagħ tal-lum ma jaħsbux ħlief fihom infushom. Lill-ġenituri tagħhom ma jirrispettawhom xejn, lanqas lix-xjuħ tagħna; huma bla paċenzja u m'humiex kapaċi jgħakksu lilhom infushom; jitkellmu bħal qisu huma biss jafu kollox, u dak li aħna nqisuh bħala għerf għalihom huwa ħmerijiet. It-tfajliet min-naħa tagħhom huma boloh u immodesti u ma jġibux ruħhom ta' nisa fil-mod kif jitkellmu, iġibu ruħhom u jilbsu."

1. Sib eżempju ta' parteċipju attiv.
ĠEJ. EŻEMPJI OĦRA; RIEQED; NIEŻEL; ĦIEREĠ; DIEĦEL; WIEQAF; TIELAQ
2. Agħti s-singular ta' koroh.
IKRAH.
3. Oħroġ nom tal-unità minn żgħażagħ.
ŻGĦOŻIJA
4. Qiegħed il-pronom riflessiv infushom fil-femminil singular.
(HIJA NNIFISHA). EŻEMPJI OĦRA: JIENA NNIFSI; INTI NNIFSEK; HU NNIFSU; HIJA NNIFISHA; AĦNA NFUSNA; INTOM INFUSKOM; HUMA NFUSHOM.
5. Liema huwa z-zokk morfemiku fil-verb ma jirrispettawhom xejn.
RISPETT. MINN MALEDUKAT NOĦORĠU EDUK; MINN EDUKAZZJONI NOĦORĠU EDUK; EDUKAJNIEHOM NOĦORĠU EDUK; NAZZJONALIZZAZZJONI = NAZZJON; NAZZJONIJIET = NAZZJON; NAZZJONALITÀ = NAZZJON; INNAZZJONALIZZAJNA = NAZZJON; ORIZZONTALIŻMU = ORIZZONT; ŻVILUPPAJNA = ŻVILUPP; SOTTOŻVILUPPAT = ŻVILUPP
6. Agħti l-antonimu ta' lanqas, skont il-kuntest tas-silta.
ANKE; WKOLL.
7. Oħroġ farrad waħdieni minn jgħakksu.
GĦAKSA
8. Oħroġ verb minn qisu.
(HUWA QIES)
9. X'inhu l-għerq ta' jitkellmu.
KLM; L-GĦERQ HUWA L-KONSONANTI TAL-MAMMA, JIĠIFIERI X'GĦAMEL HU: RAQAD = RQD; QAM = QWM; FERAĦ = FRĦ; FERRAĦ = FRĦ; TELLAQ = TLQ; NIŻEL = NIŻEL; KISSIRHOMLHOM = KSR; GĦARBEL = GĦRBL; NAZZJONIJIET = DAN IN-NOM ĠEJ MIT-TALJAN. MINĦABBA F'HEKK MA FIHX GĦERQ IMMA ZOKK. IZ-ZOKK IKUN FIH KEMM KONSONANTI KIF UKOLL VOKALI. ARA TWEĠIBA F'NRU 5.
10. Liema hija l-mamma tal-verb jafu.
GĦARAF
11. X'tip ta' verb hu nqisuh: sħiħ jew dgħajjef? Għala?
DGĦAJJEF. VERB SĦIĦ HUWA VERB LI FIL-MMMA MA JKOLLUX J JEW W. VERB DGĦAJJEF HUWA VERB LI JKOLLU J JEW W FIL-MAMMA. EŻEMPJI TA' VERBI DGĦAJFIN; TAR (TJR); MAR (MWR); FAR (FWR); WASAL (WSAL); NESA (NSJ)
12. Oħroġ aġġettiv minn għerf.
GĦAREF. AĠĠETTIVI OĦRA: IKRAH; SABIĦ; BRAVU; FERĦAN; STUPIDU; STORDUT; GĦAJJIEN.
13. Qiegħed għalihom fis-singular maskil.
GĦALIH. GĦALIJA; GĦALIK; GĦALIK; GĦALIHA; GĦALINA; GĦALIKOM; GĦALIHOM
14. Oħroġ id-diminuttiv singular minn tfajliet.
TFAJLA. ID-DIMINUTTIV JURI ĊOKON. EŻEMPJI OĦRA: DWEJRA; ĊKEJKNA; ĠNEJNA; BWEJBA; BANKETTA; SARVETTA; XWEJJAĦ; TFAJJEL.
15. Sib verb mill-istess silta li għandu l-istess forma morfoloġika ta' boloh.
KOROH
16. L-ewwel vokali 'i' fil-kelma immodesti hija vokali tal-leħen jew morfoloġika, jiġifieri parti mill-kelma, li ma tistax taqa'. Għala?
HIJA MORFOLOĠIKA GĦAX HIJA PARTI MILL-KELMA.
17. Qiegħed ma jġibux ruħhom fil-futur.
MHUX SE / ĦA JĠIBU RUĦHOM.
18. Agħti s-singular ta' nisa.
MARA
19. Qiegħed ruħhom fil-plural.
ERWIEĦHOM
20. Ikteb ittra ta' mitt kelma, indirizzata lill-editur tal-ġurnal, 'Il-Vuċi' li fiha titkellem dwar xi aspett pożittiv taż-żgħażagħ.